Ħbieb il-Kappelli Maltin

# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

Frar 2024

Ħarġa Nru 37



Ħbieb il-Kappelli Maltin

**PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta**
e-mail: **kappellimaltihbieb@gmail.com**
**Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin**

# EDITORJAL

**Kumitat 2023—2025**

**President**
Valent Xuereb

**Viċi-President**
(vakant)

**Segretarju**
Adrian Schinas

**PRO Editur Fuljett**
Norbert Gingell

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Membru responsabbli mill-attivitajiet**
Owen Caruana

**Membru**
Godfrey Mangion
Rita Buhagiar
Rose-Anne Mamo
Miriam Schembri

**Għal aktar tagħrif u stejjer fid-dettal dwar il-kappelli żuru s-sit**

***www.kappellimaltin.com***

Ritratt tal-faċċata:

L-Oratorju tas-Santissima Sagrament, Iż-Żejtun

Ritratt: N Gingell

Għeżież Membri u Ħbieb,

Kien eżattament fi Frar 2020 li nħareġ l-ewwel fuljettta ta' din l-għamla hekk kif l-attivitajiet u ż-żjarat bil-coaches kellhom jieqfu minħabba r-restrizzjonijiet li kienu ħarġu mill-Awtoritajiet tas-Saħħa wara li faqqet l-epidemija tal-Corona Virus 19.

Il-Kumitat kien ħaseb sabiex il-kuntatt bejn l-Kumitat u l-membri ma jinqatax ħesrem, u jinħareġ xi ħaġa dwar il-kappelli. Dħalt għal din il-biċċa xogħol jien bl-għajnuna ta' uħud mill-membri, bħal Louis Fenech, Michael Debono u Anthony M Brincat. Dawn il-membri, li kienu ferm attivi fis-snin li għaddew u li kienu fost il-fundaturi tal-Għaqda, kienu jgħadduli l-istejjer tal-kappelli kif ukoll ritratti li ma kienx ikolli. Napprezzaw ferm il-kontribut tagħhom għax kieku ma konniex naslu fil-ħarġa preżenti numru 37.

Din il-ħarġa tal-fuljett qed jasal għandkom ftit jiem biss wara li saret l-attività ta' Jannar. Matul din l-attività inżammet il-Laqgħa Ġenerali Annwali għand is-Sorijiet tan-Nazzarenu fiż-Żejtun, u wara żorna l-kapella tas-Salvatur u l-Orotorju tas-Santissmu Sagrament. Ma kienx hemm żmien biex nagħtukom informazzjoni dwar x'intqal fil-LGA u minn huma l-membri tal-Kumitat li se jservi għas-sentejn li ġejjin. Nittamaw li nagħtukom xi informazzjoni fil-ħarġa ta' Marzu.

Infakkarkom ukoll li dan il-fuljett mhux se jibqa jingħata u jintbgħat stampat b'xejn lil min mhux membri minħabba l-ispejjeż kbar li dejjem qed jiżdiedu, sakemm il-persuna ma toffriex li tħallas għall-ispejjeż tal-fotokopji, bolla, envelop u spejjeż oħra relatati. Mhux possibbli aktar li l-Għaqda, mill-ftit flus li ddaħħal mill-attivitajiet li torganizza, toħroġ spiża sostanzjali kull xahar sabiex tagħmel il-fotokopji u tħallas il-pustaġġ għal minn mhux membru . Naħseb li kulħadd jifhem is-sitwazzjoni tal-Għaqda u l-għaliex waslet għal dan il-pass.

Grazzi dejjem għas-support li qed tagħtuna.

*N. Gingell*
Għal Kumitat



Membri waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali

# Il-Knisja tas-Salvatur Iż-Żejtun



Il-faċċata tal-knisja restawrata

F'dik il-parti taż-Żejtun li fl-antik kienet magħrufa bħala 'ta' Bisqallin' u li llum isibuha bħala 'r-Raħal t'sfel' kien hemm żewġ knejjes li kienu viċin ħafna ta' xulxin; waħda kienet iddedikata lill-Viżitazzjoni tal-Madonna lil Santa Elizabetta u l-oħra lis-Salvatur. Dawn kienu nbnew għall-ħabta tal-1500. Fl-1559 l-Isqof Domenico Cubelles ipprofana l-knisja tas-Salvatur għax sabha traskurata ħafna u ordna li jsirulha it-tiswijiet meħtieġa. Fl-1575 Mons. Pietru Dusina jsemmi ż-żewġ knejjes ukoll u jerġa' jirrimarka li dik tas-Salvatur kienet traskurata.

Mill-għamla strutturali tas-soqfa tal-knisja u s-sagristija li naraw illum, jidher li din il-knisja tiġbor fiha ż-żewġ knejjes li semmejna. Dan għaliex, filwaqt li s-saqaf tal-knisja huwa troll mibni fuq seba' ħnejjiet li jibdew mill-art u jibqgħu tilgħin sa ma jingħaqdu għall-ponta, dak tas-sagristija ġej għan-nofs tond; is-soqfa tat-tnejn jingħalqu b'xorok tat-tlieta. Meta sar dan ir-ristrutturar l-knisja ġiet iddedikata lis-Salvatur. Dan sar fis-seklu 1800 u n-nies tal-inħawi ħallsu għall-ispejjeż li kien hemm.

Fuq l-artal maġġur, li jinsab f'prospettiva rtirata ftit 'l ġewwa, hemm il-kwadru titulari li hu attribwit lill-iskola tà Francesco Zahra li juri t-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù fuq it-Tabor, b'Mosè u



Ħarsa minn ġewwa tal-knisja tas-Salvatur

Elija fuq iż-żewġ naħat tiegħu u fil-parti t'isfel jidhru t-tliet Appostli li kien ħa miegħu. Fl-1996 kien ġie restawrat minn Twanny Spagnol.



Ħarsa fuq wara tal-kappella

Għandha żewġ artali oħra fil-ġnub: wieħed iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju u l-ieħor lill-Qalb ta' Ġesù. Mad-dawra tal-knisja hemm bankijiet tal-ġebel. Fis-sagristija nsibu statwa żgħira tal-injam li tirrappreżenta l-Flaġellazzjoni ta' Ġesù attribwita lill-iskultur Żejtuni Xandru Farrugia.

Fl-antik f'din il-knisja, bħal knejjes oħra ta' dawk iż-żminijiet, kien isir id-dfin u l-art kienet miksija bil-ġebla tal-franka. Fl-1952, bl-għajnuna ta' benefatturi fosthom Anġela Zammit, dan il-paviment inbidel u sar tal-irħam.

Il-knisja fuq barra għandha l-ħitan tal-ġnub rinfurzati sabiex ikunu jifilħu għall-pressjoni tal-piż tas-saqaf. Fil-faċċata insibu l-bieb tal-injam fit-tond bejn erba' pilastri. Fuq kull naħa tal-bieb hemm tieqa u ftit 'l fuq minnu hemm tieqa oħra taħt pediment li fuqu hemm salib żgħir tal-ġebel, bejn żewġ boċċi ornamentali tal-ġebel fit-truf taċ-ċinta. Fuq wara insibu kampnar bi tliet qniepen.



Inkwadri bejn il-ħnejjiet

Fis-snin li għaddew din il-kappella sarilha restawr mid-Direttorat tar-Restawr. Illum il-knisja hi miżmuma tajba.




Kristu Salvatur
*Pittur mhux magħruf (Skola Francesco Zahra)*
*Kappella Salvatur - Żejtun*

It-titular ta' Kristu Salvatur

*Kitba: Louis Fenech*
*Miġbura minn diversi sorsi*

*Ritratti: N Gingell*



L-altar ewlieni

# L-Oratorju tas-Santissima Sagrament
# Iż-Żejtun

Biswit il-knisja arċipretali ta' Santa Katerina taż-Żejtun, dik li fl-antik kienet tissejjaħ il-Katidral tal-Lvant, insibu l-Oratorju mwaqqaf mill-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament. Dan inbena bejn is-snin 1743 – 1746. Dan il-bini ġie ddisinjat u maħdum minn Giacomo Bianco, miż-Żejtun stess.




L-Oratorju u l-Mużew

L-Orotorju hu mibni fuq stil sabiħ b'arkitettura Barokka, b'mod speċjali wieħed jammira x-xoghol bil-lavur tal-ġebla Maltija li fih. Wieħed jista' jammira din l-iskultura fuq it-tieqa tal-faċċata, fejn naraw medaljun tal-ġebel jinżamm mill-Anġli jżommu l-emblema tal-Ewkaristija Mqaddsa, kif ukoll fuq iż-żewġ kolonni ta' ħdejn il-bieb il-kbir ta' dan l-Orotorju. Fuq il-medaljun hemm tieqa tonda li fuqha hemm kampnar żgħir b'żewġ fjammi tan-nar fuq kull naha, dejjem xogħol tal-ġebla Maltija.




Ritratt antik tal-orotorju qabel ma  nbena l-mużew

L-Orotorju għandu għamla rettangolari, imżejjen b'pilastri ta' stil Korint. Fl-apside naraw skultura sabiħa u rfinata li tirrappreżenta sfera ewkaristika mdawra bl-anġli u bis-sħab. Il-pittura tal-kwadru titulari li turina lil Kristu jqarben lill-Appostli fl-Aħħar Ikla, li tirrappreżenta it-twaqqif tal-Ewkaristija, saret fl-1759, u attribwut li hu xogħol ta' Rokku Buhagiar. Taħt dan il-kwadru naraw pittura li turi lil Madonna tal-Grazzja, kwadru sabiħ magħmul minn xi pittur Malti tas-seklu 18 .

L-artal tal-irħam hu tassew sabiħ magħmul fl-1901 minn Dun Feliċ Micallef. Sbieħ ukoll f'dan l-Orotorju huma l-gallarija tal-orgni, il-kaxxarizzi li jużaw il-Fratellanza tas-Sagrament, u b'mod speċjali l-pulptu.

F'dan l-Orotorju nsibu xogħolijiet artistiċi tal-livel għoli li jinkludu fost oħrajn sitt pitturi ta' Francesco Zahra u tnejn tal-artist Toussaints Busuttil - iben iż-Żejtun (1912



L-altar ewlieni

1994) u magħruf aktar bħala Tusè Busuttil. Fil-ġenb naraw sitt kwadri sbieħ, li jirrappreżentaw episodji bibliċi mpittra mill-artist famuż Malti Francesco Zahra.



l-arma tas sagrament skolpita fil-ġebel

Xi snin ilu nstab fl-Arkivji Parrokkjali rċevuta bil-firma ta' Zahra li pitter dawn is-sitt kwadri laterali. Is-suġġetti ta' dawn il-kwadi huma:- L-Anġlu tal-Mulej iwassal l-ikel lill-Profeta Elija fid-deżert; il-Poplu Lhudi flimkien ma' Mosè u Aronne fid-deżert; Ġideon u l-Anġlu tal-Mulej; Re David idoqq l-arpa quddiem l-Arka tal-Mulej; is-Sagrifiċju ta' Melkisedek; u is-Sagrifiċju ta' Noè. Dan is-sett ta' pitturi huma kkunsidrati ma' l-aqwa xogħolijiet artistiċi Maltin tas-seklu 18 fl-idjoma tal-Barokk Naplitan.

F'Novembru 2020 dawn is-sitt pitturi ġew irrestawrati b'nefqa ta' €40,000 mill-Fond għad-Diplomazija Kulturali.



It-titular ta' Ġesu jqassam l-Ewkaristija attribut lil Rokku Buhagiar

Qabel ir-restawr ta' dawn il-pitturi, l-Orotorju nnifsu kien ġie restawrat bejn is-snin 2006 -2009 . Dan ix-xogħol ta' restawr kien sar minn konservaturi u studenti tar-restawr ta' Heritage Malta. Ix-xogħol kien varjat u nkluda: rikostruzzjoni parzjali tal-kampnar, li kien fi stat ħażin ħafna,u xogħolijiet ta' tinqix u skultura li kienu ttieklu maż-żmien .

F'Ħamis ix-Xirka s-Sepulkru jintrama f'dan l-Orotorju.

Imiss ma' dan l-Orotorju wieħed isib il-Mużew Parrokkjali, liema bini ġie ddisinjat mill-perit Orazio Diacono, iben Mastru Carlo Diacono, u kien ippjanat biex iservi bħala mużew u sala Parrokkjali. Fih għadd ġmielu ta' pitturi nteressanti kif ukoll rikkezzi artistiċi oħra. Il-pitturi li hemm huma relatati kemm mall-knisja kif ukoll mal-istorja taż-Żejtun. Wieħed isib kolleżżjoni varja: minn għamara sa skultura, ċeramika skavata sa ħġieġ fin, u etchings u pitturi. L-aktar pittura imporanti hija il-Qtugħ ir-Ras ta' Santa Katarina li hu mifhum li hija prodott tal-Iskola ta' Caravaggio.



Sagrifiċċju ta' Noè ta' F Zahra



Sagrificcju ta Melkisedek





Gideon u l-Anġlu ta-Mulej—F Zahra

Re David idoqq l-arpa—F Zahra





L-Anġlu tal-Mulel iwassal l-ikel lill-Profeta Elija fid-deżert

Mosè u Aronne—F Zahra

Kitba : N Gingell

*Informazzjoni miġbura u misluta minn diversi sorsi mill-Internet.*

Ritratti ta' barra: N Gingell

Ritratti ta' ġewwa u pitturi: Anthony M Brincat

# Festa ta' San Pawl f'Malta
# 10 ta' Frar

Fi Frar tasal il-festa ddedikata lil San Pawl, propjament il-miġja tiegħu f'Malta wara n-nawfraġju tiegħu fuq din il-gżira, liema rakkont hu miktub tant tajjeb u fid-dettal fl-Atti tal-Apposti. Din il-festa f'Malta tista tgħid li hija festa nazzjonali fejn aħna l-Maltin nifirħu b'San Pawl li wasslilna r-reliġjon Kristjana ftit snin biss wara l-mewt u l-qawmien ta' Kristu.

Sabiex nidħlu fl-atmosfera ta' din il-festa se naraw x'kappelli hawn f'Malta u Għawdex li huma iddedikati lil San Pawl. Parroċċi u knejjes oħra filjali mhux qed jiġu kkunsidrati.

**Burmarrad _ San Pawl Milqi**





Din il-kappella ddedikata lil San Pawl Milqi hija kkunjsidrata li hija fil-post fejn San Pawl iltaqgħa ma Publju, għalhekk 'Milqi'. Il-kappella tal-lum x'aktarx inbniet fis-seklu 17. Minn skavi jidher li din inbniet fuq xi tnejn oħra  ta' qabel.





**2. Ħ'Attard _ In-Nawfraġju ta' San Pawl**

Il-kappella tal-lum kienet reġgħet inbniet fis-seklu 18. It-titular juri lil San Pawl  bejn San Publiju u San Franġisk de Paule, aktarx xogħol ta' Enrico Regnaud.

**5. Marsaxlokk, Xrobb l-Għaġin _ San Pawl**

Din il-kappella maġenb Torri Bettina f'Xrobb l-Għagin hija kkunsidrata bħala waħda mill-kappelli kostali, Hu mifhum li l-kappella kienet nbiet fl-1740. Illum din il-kappella tinsab f'idejn privati.



### 3. Birkirkara _ San Pawl tal-Wied





Magħrufa bħala ta'  San Pawl tal-Wied. Din il-kappella nbniet fl-1538 skont skrizzjoni li hemm fil-faċċata tal-kappella. It-titular juri l-konverżjoni tal-Appostlu San Pawl u hu kopja magħmula minn Ġużeppi Calleja fl-1898 ta dak li hemm fil-bażilika Rumana ta' San Paolo *fuor le mura*.

### 4. Bormla _  San Pawl l-Appostlu





L-ewwel kappela kienet inbniet fl-1590, iżda reġgħet inbniet u kkonsagrata fl-1741. It-titular  juri l-konverzjoni ta' San Pawl, xogħol Rokku Buhagiar,  li nbidel ma dak li kien hemm qabel ta' Francesco Zahra.

### 6.  Mosta _  San Pawl tal-Qlejgħa

Inbniet għal ħabta ta' 1690 flok oħra li kien hemm. It-titular juri n-Nawfraġju ta' San Pawl. Il-pittur mhux magħruf. Illum dan il-kwadru tneħħa mill-kappella minħabba sigurtà.





### 7. Naxxar _ San Pawl tat-Tarġa






Bħal ħafna mill-kappelli, il-kappella tal-lum inbniet fuq dak li kien hemm qabel. Dik li naraw llum inbniet fl-aħħar tas-seklu 17. It-titular sa ftit żmien ilu kien maħsub li kienet ta' Francesco Zahra, iżda llum nistgħu ngħidu li hija ta' Giuseppi Arena.

### 8. San Pawl il-Baħar _ San Pawl tal-Ħġejjeġ





Skont it-tradizzjoni, din il-kappella hija mibnija fejn il-Maltin laqgħu lil San Pawl wara n-nawfraġju. Il-kappella tal-lum nbniet fi żmien il-GranMastru Wignacourt. It-titular juri l-Maltin jilqgħu lil San Pawl u sħabu, xogħol il-pittur Cascarino, artist Taljan ta' Skola ta' Caravaggio.

### 9. Xagħra, Għawdex – Marsalforn _ In-Nawfraġju ta' San Pawl

Din il-kappella tbierket fl-1879 wara li reġgħet inbniet. Kien hemm oħrajn qabel. Il-kwadru titulari huwa xogħol Ġanni Bonniċi li ħa post wieħed aktar antik.





Kitba u ritratti
ta' Norbert Gingell u
Anthony N Brincat